# TQASSIM TAL-ĠID MINGĦAJR EWRO WIEĦED ŻIEDA DEJN



**EDWARD SCICLUNA** /Ministru għall-Finanzi




Għaddew sitt ijiem mill-Baġit li ppreżentajt il-ġimgħa l-oħra, u matul din il-ġimgħa wieħed seta' jifli u jara x'kienu l-kummenti speċjalment dawk min-naħa tal-Oppożizzjoni. Matul din il-ġimgħa kien hemm min qalli li m'għandix għalfejn ninkwieta jew naħli ħin jew enerġija fuq din il-kritika. Iżda naħseb li f'pajjiż demokratiku huwa d-dmir tal-gvern li jwieġeb lill-Oppożizzjoni.

Tista' tgħid li l-Oppożizzjoni hi mitlufa f'kontradizzjonijiet, bl-ewwel waħda tkun li dan hu Baġit tal-elezzjoni. Jien ma ddejjaqni xejn li jgħidu li dan Baġit tal-elezzjoni. Mela b'dan il-qis nistgħu ngħidu li kellna seba' elezzjonijiet f'perjodu ta' ħames snin. Dan għaliex kull Baġit ġie meqjus bħala tal-elezzjoni. Id-differenza kbira hi li aħna fl-elezzjonijiet ma żlaqniex fil-bilanċ tal-finanzi tal-gvern, iżda spiċċajna b'*surplus*.

Għall-kuntrarju ta' kull Baġit tal-elezzjoni tagħhom, l-għada tal-elezzjoni kulħadd kien ikun imwerwer għax kien hemm żelqa kbira, fosthom defiċit li jaqbeż it-tlieta fil-mija, dħalna fi proċedura ta' defiċit eċċessiv sew fl-2003, u fl-2008, imbagħad jibdew id-daqqiet tal-frosta u ssikkar taċ-ċinturin.

Fil-bidu tal-Partit Nazzjonalista kienu jgħidu li t-tkabbir ekonomiku qed nagħmluh bin-nies li qed indaħħlu jaħdmu mal-gvern. Tmur tara l-istatistika u tgħid, "imma din minn fejn qed iġibuha?" Għax fi żmienhom ir-rata tan-nies jaħdmu mal-gvern kienet tmienja u għoxrin fil-mija tal-Labour Force. Aħna dan niżżilnieh għal anqas minn tlieta u għoxrin fil-mija. Uħud min-nies li daħħalna huma dawk tal-bżonn bħal tobba, *nurses*, għalliema, *social workers* u żgur li mhux se noqogħdu lura milli nagħtu servizzi aħjar.

L-Oppożizzjoni kkritikatna mbagħad għax ma nfaqniex biżejjed. Mela l-ewwel jgħidu li żidna n-nefqa u konna ġenerużi u f'daqqa waħda sirna xħaħ, mill-istess naħa.

Ir-risposta hija li qed nonfqu bil-qies u b'responsabbiltà kbira. Aħna bdejna stil ġdid: dik li l-pajjiżna ma rriduhx bid-dejn, u dan għandu jonqos gradwalment. Jiġifieri bil-qies qed nagħmlu miżuri li jiġu attwati s-sena d-dieħla u matul il-leġislatura u li permezz tagħhom il-gvern għandu jonfoq skont il-mezzi tiegħu.

Qalulna wkoll li dan hu Baġit bla viżjoni! Mhux talli għandna viżjoni iżda għandna *roadmap* dettaljata ta' fejn irridu nmorru u fejn sejrin. Jiġifieri, nafu t-triq metru b'metru ta' minn fejn se ngħaddu. Sistema li turik is-suċċess u anke fejn fadallek timxi biex tkompli tilħaq is-suċċess. Din ir-*roadmap* għandha twassalna biex aħna nkunu l-aqwa pajjiż fl-Ewropa.

L-Oppożizzjoni ffissat fuq il-COLA jiġifieri l-kumpens għall-ogħli tal-ħajja. Din hi l-unika miżura li l-Ministru tal-Finanzi mhux jiddetermina imma jħabbar bħalma għamel l-istess kull Ministru għal dawn l-aħħar 27 Baġits.

Dan għaliex il-mekkaniżmu jinħadem b'mod awtomatiku u r-riżultati jintbagħtu lejliet il-Baġit mill-MCESD fuq ftehim eżistenti bejn l-unjins u min iħaddem.

Il-Gvern Laburista iżda jindirizza l-piż tal-familji l-ewwel nett billi jaqta' t-taxxa. Qtajna €45 miljun fl-ewwel tliet snin flimkien mal-€50 miljun fi qtugħ ta' tariffi ta' dawl u ilma li flimkien jiġu mal-100 miljun ewro, flus li l-Gvern tahom lura lill-poplu. Għas-sena d-dieħla ħabbarna xita ta' miżuri soċjali fosthom ukoll €22 miljun ewro f'żieda għall-pensjonanti u €9 oħra fi qtugħ ta' taxxa minn fuq il-pensjonijiet. Dawn il-miżuri kollha jammontaw għal izjed minn 100 miljun ewro.

It-tfal huma piż finanzjarju fuq kull familja u għalhekk dejjem qed norjentaw il-benefiċċji tagħna għall-familji bit-tfal biex inpattu għal dak il-piż. Daħħalna wkoll l-*in-work benefit* għal dawk li jaħdmu fejn għal kull wild qed jieħdu ċ-*Childrens' Allowance* li żidna aħna b'€96 fil-ġimgħa għal kull wild.

Qed nagħtu wkoll trasport b'xejn lil dawk kollha li jmorru kemm skola tal-Istat u anke tal-Privat fejn qabel kienu qed iħallsu mas-€700 kull wild. Dan filwaqt li tajna Tal-Linja card b'xejn lil żgħażagħ ta' bejn l-14 il-sena u l-20 sena.

La qed nitkellmu dwar l-istudenti tajjeb insemmu l-istipendji, fejn il-Partit Nazzjonalista kien jgħid li l-Prim Ministru Joseph Muscat u l-Ministru Edward Scicluna se jnaqqsu l-istipendji. Mhux talli qtajniehom iżda allokajna Baġit akbar li llum jammonta għal 30 miljun ewro.

Intemm dan l-artiklu bl-iskema tal-*first time buyer* li s'issa bbenefikaw minnha aktar minn 18-il elf koppja li ħadu mal-€5,000 kull wieħed u li l-Gvern swietlu €90 miljun liż-żgħażagħ, apparti l-pensjonanti, u persuni b'diżabbiltà.

Il-Baġit jaħseb f'kulħadd. Nistgħu ngħidu li b'dan il-Baġit aħna qed ngħixu s-suċċess għaliex dan il-ġid kollu qed jitqassam mingħajr lanqas żieda ta' ewro wieħed ta' dejn.

## Infakkru l-ġlieda tal-GWU għal ġimgħa ta' 40 siegħa

Sur Editur,

Smajt bi pjaċir li issa anke l-pulizija se jgawdu minn kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol, fosthom il-ġimgħa ta' erbgħin siegħa. Ħadt pjaċir meta smajt dan għax niftakar kemm batejna aħna l-ħaddiema tal-garaxxijiet fis-snin sebgħin biex irbaħna l-ġimgħa ta' erbgħin siegħa u żidiet fil-pagi, eċċ.

Għal min ma jafx, aħna l-ħaddiema tal-garaxxijiet rqadna fuq il-post tax-xogħol għal tlett ijiem, kif ukoll inqfilna barra bla xogħol għal sitt ġimgħat sħaħ. Biss, bis-saħħa tal-General Workers' Union u l-għaqda sħiħa li kellna bejnietna l-ħaddiema, wasalna u gawdejna aħna, u magħna, gawdew ukoll il-ħaddiema ta' Malta kollha.

Ta' min jinnota li l-PN mhux talli ma tawniex l-għajnuna tagħhom, talli kienu heddewna li jitfgħuna l-ħabs jekk konna se nibqgħu għaddejjin bl-istrajk tagħna biex niġġieldu għal drittijietna. Din il-liġi li kienu qed jhedduna biha ma għamluhiex għax laħqu tilfu l-poter u tela' fil-gvern Gvern Laburista li minnufih daħħal il-ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol fuq ħamest ijiem b'liġi, li għadha titgawda sal-lum il-ġurnata.

Nixtieq u nappella lid-diriġenti ta' L-ORIZZONT biex ifakkru dik il-ġlieda qaddisa biex nuri bil-fatti min verament kien dejjem man-naħa tal-ħaddiema.

MANWEL GATT,
Eks-Membru Taqsima tal-Metall
u Kollettur tal-GWU